# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum it-Tlieta, 16 ta' Frar 2016**

**Avviż Numru: 40/2004**

**Joseph Attard**

**vs**

**Frank Micallef f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta' FM Poultry Limited, u b'digriet tat-22 ta' Marzu 2005 ġiet kjamata fil-kawża Korporattiva tat-Tjur (Malta);**

**u b'digriet tal-20 ta' Ottubru 2009 ġiet kjamata fil-kawża s-soċjeta' koperattiva, 'Poultry Cooperative Limited', bil-persuni indikati huma Saviour Grima, Gaetano Pacer u Alfred Gafa;**

**u b'digriet tat-3 ta' Mejju 2011 l-isem tal-Koperattiva kjamata fil-kawża għandu jiġi jaqra 'Koperattiva tat-Tjur Limited';**

**u b'digriet tas-27 ta' Novembru 2012 ġie nominat l-Avukat Dr. Jean Paul Grech bħala Stralċjarju ta' din il-koperattiva.**

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-attur talab lill-konvenut proprio et nomine jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat iħallsu l-ammont dovut minnu jew min minnhom konvenuti fis-somma ta' tlett elef, erba' mija u ħdax il-lira maltija (Lm3411), bilanċ ta' prezz ta' flieles ossia *broilers* kkunsinjati lilhom jew min minnhom, u minnhom jew min minnhom maqtula u mibjugħa, bl-imgħax legali ta' tmienja fil-mija mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut Frank Micallef u FM Poultry Limited li eċċepew:

1. Illi l-eċċeppjenti ma għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika ma l-attur;

2. Illi l-eċċeppjenti ma għandhom jagħtu xejn lil attur;

3. Illi jekk hemm xi flus dovuti dawn huma dovuti mil-Koperattiva tat-Tjur (Malta);

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Marzu 2005 li bih ġiet kjamata fil-kawża l-Koperattiva tat-Tjur (Malta).

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' Ottubru 2009 li bih ġiet kjamata fil-kawża il-koperattiva "Poultry Cooperative Limited" minflok dik kjamata bid-digriet preċedenti.

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Mejju 2011 fejn ordnat il-korrezzjoni ta' isem il-koperattiva kjamata fil-kawża li għandu jaqra "Koperattiva tat-Tjur Limited."

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Novembru 2012 fejn innominat lill-Avukat Dottor Jean Paul Grech bħala stralċjarju ta' din il-koperattiva.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ta' Dottor Jean Paul Grech nomine li eċċepixxa:

1. Illi l-esponenti m'hux edott mill-fatti li taw lok għal din il-kawża u għaldaqstant mhux fil-posizzjoni li jissolleva l-eċċezzjonijiet kollha applikabbli skont il-liġi. Għalhekk l-esponenti nomine qiegħed jirriserva li jippreżenta risposta ulterjuri jekk u meta huwa jkun fil-pussess ta' l-informazzjoni kollha mertu tal-każ. Pero' għal kull buon fini huwa qiegħed minn issa jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti għall-ħlas tal-ammont ta' tlett elef erba' mija u ħdax-il Lira Maltin (Lm3,411) ekwivalenti għal sebat elef disa' mija u ħamsa u erbgħin ewro u disgħa u erbgħin ewro ċenteżmi (€7,945.49ċ);

2. Salvi u ipreġudikati eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Novembru 2013 fejn ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawża: Ċitaz. nru.128/2004 fl-ismijiet: "Joe Attard vs Frank Micallef pro.et noe.", istitwita quddiem din il-Qorti fil-kompetenza superjuri tagħha u transatta fit-18 ta' Marzu 2013.

Rat il-verbal tagħha tal-25 ta' Novembru 2015 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi.
Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inkluż il-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qiegħed jirreklama mingħand il-konvenuti jew min minnhom, l-ammont indikat fl-Avviż li jgħid li għadu dovut lilu minn somma akbar għall-bejgħ ta' flieles u *broilers*. Frank Micallef, f'ismu proprju u f'isem il-kumpanija tiegħu "FM Poultry Limited jiċħad li hu jew inkella l-kumpanija tiegħu xtraw xi tjur mingħand l-attur. Anzi jinsisti li n-negozju tal-attur kien mal-Koperattiva tat-Tjur Limited. Bi ftehim magħha huwa kien joqtlilha t-tjur kollu li din kienet tixtri mingħand dawk li kienu jrabbu t-tjur, sew f'Malta kif ukoll f'Għawdex, inkluż għalhekk l-attur. Din il-koperattiva kienet inkarigatu joqtlilha t-tjur kollu li kienet tixtri peress li l-biċċerija li kellha f'Malta kienet ingħalqet mill-awtoritajiet sanitarji.[1]

L-attur jammetti li l-bejgħ huwa kien għamlu lil din il-koperattiva.[2] Jallega pero' li Frank Micallef kien qallu li ser iħallsu hu u nfatti kien irċieva *cheque* ta' elf lira maltija (Lm1000) akkont mingħand Frank Micallef, u b'hekk jippretendi li dan allura kien qed jassumi r-responsabilita' għall-ħlas tal-bilanċ ukoll. In sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu l-attur ppresenta kopja fotostatika ta' tlett ċekkijiet maħruġa lil Frank Micallef minn ċertu Emanuel Vella għan-nom tal-kumpanija: "Tas-Sajku Poultry Products Ltd." li ġew ġirati mill-istess Frank Micallef. [3] Huwa minnu li minn eżami tal-kopja esebita taċ- *cheque* ta' elf lira maltija (Lm1000), jidher li dan issarraf minn George Attard, missier l-attur fis-16 ta' Frar 2004.[4]

Il-konvenut Frank Micallef jiċħad li kien assuma hu d-dejn li l-koperattiva kellha mal-attur u spjega ċ-ċirkostanzi li wassluh biex jagħmel dan il-pagament ta' elf lira lill-attur bil-mod segwenti:

"*Eħe, dawk iċ-ċekkijiet kienu pagament lili mingħand is-Sajku, għax kien jixtri t-tiġieġ mingħand il-Koperattiva. Il-Koperattiva dakinhar kienu waslu fl-aħħar, ma kienux jiġu 'l hemm u jien flok dawk il-flus ma żammejthom għalija u ħadthom jien biex nitħallas jien, il-baħnan li jien mort tajthom lil Attard. Dak wieħed mill-iżbalji li għamilt f'għomri. Flok żammejthom jien mort tajthom lilhom.*"[5]

[1] Ara deposizzjoni tieghu a fol. 103 -105 u 110 – 117 tal-process
[2] Ara deposizzjoni tieghu a fol. 12 -14 tal-process
[3] Ara dawn id-dokumenti a fol.31 tal-process
[4] Ara wkoll id-deposizzjoni ta' George Attard a fol. 21 -22
[5] A fol.117

Jidher li l-attur qed jippretendi li hawnhekk kienet saret xi tip ta' **novazzjoni**, bil-konvenut jassumi l-ħlas tad-dejn oriġinarjament dovut mill-koperattiva. L-artikoli rilevanti tal-liġi tagħna (Kap.16) f'dan ir-rigward, huma s-segwenti:

1. l-art. 1179(b) li jgħid li hemm novazzjoni "**meta debitur gdid jigi mqiegħed flok il-qadim, illi jigi mehlus mill-kreditur**."

2. L-art.1180(2) li jżid illi n-novazzjoni "**mhix prezunta; l-intenzjoni li ssir għandha tidher bic-car**."

Il-qrati tagħna kellhom diversi okkazzjonijiet jesprimu ruħhom dwar dan il-kuntratt u l-effetti tiegħu. Hekk per eżempju ingħad illi:

"*In-novazzjoni hi di stretto diritto, ma tistax tigi presunta, imma trid tirrizulta kjarament, madankollu l-Ligi ma tehtiegx xi kliem solenni sabiex din issehh, basta li l-volonta' li ssehh in-novazzjoni tkun tirrizulta mill-fatt jew mill-kliem tal-partijiet. In-novazzjoni ma hi qatt prezunta, u fid-dubbju ghandha tkun eskluza. L-**animus novandi**, jekk ma jkunx espress, irid jirizulta b'mod car u univoku*."[6]

Hekk ukoll: "*Biex ikun hemm novazzjoni bid-tbiddil tad-debitur, jehtieg li d-debitur il-gdid jigi mqieghed flok il-qadim, u dan jigi mehlus mill-kreditur. It-tismija wehidha, maghmula mid-debitur, ta' persuna li ghandha thallas minfloku, ma ggibx novazzjoni; imma hu indispensabbli l-kunsens tal-kreditur, biex tigi operata n-novazzjoni, u d-delegazzjoni li biha d-debitur jaghti lill-kreditur tieghu debitur iehor li jintrabat lejn il-kreditur ma ggibx novazzjoni, jekk il-kreditur ma jkunx iddikjara espressament il-volonta' tieghu li jehles lid-debitur li jkun ghamel id-delegazzjoni. L-**animus novandi** ghandu jirrizulta car mill-att stess, u mhux lecitu li wiehed jargwieh minn prezunzjonijiet*." [7]

Fil-każ in eżami billi l-konvenut Frank Micallef għadda f'okkazzjoni waħda lill-attur is-somma ta' elf lira maltija li kienu dovuti minn terzi lill-koperattiva, ma jfissirx b'daqshekk li huwa assuma l-obbligu għall-bilanċ kollu li kien dovut mill-koperattiva lill-attur. Infatti huwa jiċħad kategorikament li kien għamel xi ftehim f'dan is-sens mal-attur. Terġa' l-attur stess kien ekvivoku f'dan ir-rigward, għax fl-istess nifs li jsostni din it-teżi, ippresenta sett ta' kopji ta' dokumenti, li jindikaw il-piżijiet varji tat-tjur li huwa kien ha għall-qatla għand il-konvenut, liema piżijiet tniżżlu fuq l-*letterheads* tal-kumpanija FM Poultry Ltd.[8] u jippretendi li dan kien għalhekk ifissser li t-tjur kienu nxtraw minn din il-kumpanija, meta fix-xhieda tiegħu, kif rajna, jammetti li l-bejgħ kien sar lill-koperattiva. F'tali ċirkostanzi żgur li ma jistax jingħad li l-*animus novandi* u n-novazzjoni jirriżultaw b'mod ċar kif trid il-liġi u kif sostnut fil-ġurisprudenza.

[6] Prim'Awla: V. Buhagiar noe. vs Dr. N. Arrrigo et noe.9.10.2003
[7] Qorti tal-Kummerc: Carmelo Farrugia vs Annetta Galea et. 11.06.1959
[8] Ara dokti.JA 1 sa JA 5 a fol. 16 - 20

Minn naħa l-oħra dak li darba kien president ta' din il-koperattiva, Saviour Grima, ma ċaħadx li l-attur kien wieħed mill-bdiewa li kienu ftehmu magħhom li t-tjur li jbiegħulhom jehduhom għall-qatla għand Frank Micallef. Jammetti wkoll li hafna minn dawn il-bdiewa baqgħu ma tħallsux. L-ammont mitlub fl-Avviż lanqas ma ġie kontestat minnu,[9] u għalhekk jirriżulta li għadu dovut mill-istess koperattiva. Billi irriżulta li din il-koperattiva m'għadhiex topera u qegħdha fil-fażi li tiġi stralċjata, infatti fil-mori tas-smiegħ ta' din il-kawża ġie nominat bħala stralċjarju l-Avukat Dottor Jean Paul Grech, l-ammont bilanċjali li għadu dovut irid jitħallas mill-istess stralċjarju nomine.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tillibera lill-konvenut Frank Micallef proprio et nomine mill-osservanza tal-ġudizzju, tilqa' t-talba attriċi fil-konfront tal-istralċjarju tal-Koperattiva tat-Tjur Limited, u għalhekk tikkundanna lill-Avukat Dottor Jean Paul Grech nomine sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' tliet elef erba' mija u ħdax il-lira maltija (Lm3411), illum ekwivalenti għal sebat elef disa' mija ħamsa u erbgħin euro (€7945), bl-imgħax legali ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra l-istess Dottor Jean Paul Grech nomine.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

16.02.2016 – Inf40.2004 - Attard Joseph vs Micallef Frank pro et noe
1401

[9] Ara deposizzjoni tieghu a fol. 71 - 73